Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,404, 17 ta' April, 2009
Taqsima B

A.L. 115 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2009 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmulin mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2009 għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Kors;

"iċ-Ċertifikat" tfisser iċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa).

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-Eliġibbilità għaċ-Ċertifikat

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat, l-istudenti għandhom:

(a) jkunu rreġistrati bħala studenti fil-Kors skond ir-regolament 4;

(b) jtemmu l-kors tal-istudji, jikkwalifikaw fil-valutazzjonijiet u jissodisfaw kull rekwiżit ieħor skond kif mitlub f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw kull rekwiżit ieħor skond l-Istatuti, ir-Regolamenti u l-Ordinamenti rilevanti oħra tal-Università.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

4. Il-Kors huwa miftuħ biss għaċ-ċittadini li segwew l-edukazzjoni sekondarja tagħhom fis-sistemi edukattivi indikati fi Skeda numru 1 ta' dawn ir-regolamenti u li:

(a) temmew b'suċċess l-edukazzjoni sekondarja u/jew l-edukazzjoni sekondarja għolja; u

(b) għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki fl-Ingliż fil-livell meħtieġ:

(i) Test of English as a Foreign Language (TOEFL) 500 jew 173 CB;
(ii) International English Language Testing System 5.5;
(iii) Cambridge First Certificate bi grad Ċ jew aħjar;

jew kwalunkwe kwalifika ekwivalenti oħra approvata mill-Bord; u

(ċ) għandhom kwalifiki li jħalluhom ikomplu għall-edukazzjoni għolja fil-pajjiż fejn ġabu l-kwalifiki tagħhom; iżda

(d) huma meqjusa li għandhom bżonn aktar studju biex jiġu aċċettati għal-korsijiet tal-Mediċina, Dentistrija u suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa fl-Università ta' Malta.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq perjodu ta' sena akkademika fuq bażi *full-time*.

Il-Bord tal-Istudji

6. L-amministrazzjoni ġenerali tal-Kors għandha tkun fdata lil Bord tal-Istudji, approvat mis-Senat.

Il-Programm ta' Studju

7. (1) L-għan tal-programm ta' studju hu li jegħleb id-differenzi bejn is-sistema edukattiva Maltija u sistemi oħrajn. Il-programm għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 60 kredtu ECTS. Il-programm għandu jikkonsisti minn:

(a) profiċjenza fil-Lingwa Ingliża fil-qasam Mediku;

(b) taqsimiet studju maħluqa biex jipprovdu l-bażi xjentifika neċessarja fil-preparazzjoni għall-korsijiet li jwasslu għall-grad fil-mediċina, dentistrija jew f'suġġetti relatati mal-professjonijiet tas-saħħa; il-kontenut għandu jkun deċiż skond l-għażla tal-programm għall-grad; u

(ċ) profiċjenza fil-Lingwa Maltija mitkellma fil-qasam Mediku.

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-program ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jkollu bżonn jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti skond kif indikat fil-programm ta' studju.

L-Attendenza u l-Valutazzjoni

(1) L-istudenti għandhom jattendu għall-anqas 80% tal-lekċers/seminarji jew sessjonijiet prattiċi f'taqsima studju qabel ma jitħallew joqogħdu għall-valutazzjoni ta' taqsima studju. In-nuqqas ta' attendenza mill-kumplament tal-20% tal-lekċers, seminarji jew sessjonijiet prattiċi għandhom ikunu ġustifikati u approvati mill-Bord.

(2) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju, jew mhux aktar tard mit-tmiem tas-sena akkademika li fiha t-taqsima studju tkun mgħallma.

(3) Ir-Riżultati għall-valutazzjoni tat-taqsimiet studju għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad skond kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt:

Medda tal-Marki	Grad
95% - 100%	A+
80% - 94%	A
75% - 79%	B+
70% - 74%	B
65% - 69%	C+
55% - 64%	C
50% - 54%	D+
45% - 49%	D
0% - 44%	F

Kemm –il marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom jitniżżlu fir-rekord akkademiku tal-istudent. Iżda, il-marka perċentwali biss tintuża biex ikun deċiż jekk għandhux jingħata ċ-Ċertifikat.

L-Għoti taċ-Ċertifikat

9. Iċ-Ċertifikat għandu jingħata lill-istudenti li jiksbu mhux anqas minn 60 kredtu ECTS.

Id-dħul għall-Korsijiet sal-Ewwel Grad fil-Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa fl-Università

10. L-istudenti li jiksbu ċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies huma meħtieġa biex isegwu l-proċedura għad-dħul fl-Università għall-studenti barranin skond il-kors li qegħdin japplikaw għalih.

* * * * * *

Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies
(Mediċina, Dentistrija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa)

Skeda 1

Dan il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti kwalifikati li segwew studji fis-sistema edukattiva tal-Istat tal-Kuwajt.